

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għas-Sajd*

**2008/2222(INI)**

8.12.2008

## **EMENDI 1 - 6**

**Abbozz ta' rapport**  
**Rosa Miguélez Ramos**  
(PE414.985v01-00)

Riċerka applikata rigward il-politika komuni tas-sajd  
(2008/2222(INI))

AM\_Com\_NonLegReport

**Emenda 1**  
**Dorette Corbey**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa E a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Ea. billi dejta xjentifika għandha tittieħed  
bħala l-bażi għall-iffissar tal-kwoti u  
għar-Rendiment Sostenibbli Massimu  
(MSY),***

Or. nl

**Emenda 2**  
**Dorette Corbey**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa E b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Eb. billi s-sajjeda u x-xjentisti bosta  
drabi ma jaqblux fl-istimi tagħhom tal-  
istat tal-baħar u tal-istokkijiet tal-ħut,***

Or. nl

**Emenda 3**  
**Dorette Corbey**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

3. Ifakkar lill-Kummissjoni li, skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002, hija għandha obbligu legali li ssejjes il-proposti tagħha relatati mal-PKS fuq 'parir xjentifiku sod u fuq approċċ ta' prekawzjoni';

3. Ifakkar lill-Kummissjoni li, skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002, hija għandha obbligu legali li ssejjes il-proposti tagħha relatati mal-PKS fuq 'parir xjentifiku sod u fuq approċċ ta' prekawzjoni'; ***jappella lill-Kummissjoni sabiex tenfasizza u tipprova l-ħtieġa tal-***

*importanza tar-riċerka xjentifika dwar l-istat tal-baħar u tal-istokkijiet tal-ħut;*

Or. nl

**Emenda 4**  
**Rosa Miguélez Ramos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 11**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jirrakkomanda li, fil-qasam tar-riċerka xjentifika tal-baħar, tingħata prijorità mhux biss lir-riċerka bil-għan li jkun akkwistat għarfien dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut imma wkoll lill-aspetti kummerċjali, ekonomiċi u soċjali li jiddeterminaw l-immaniġġjar tas-sajd, peress li dawn l-aspetti kollha huma ta' importanza kruċjali;

*Emenda*

11. Jirrakkomanda li, fil-qasam tar-riċerka xjentifika tal-baħar, tingħata prijorità mhux biss lir-riċerka bil-għan li jkun akkwistat għarfien dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut imma wkoll lill-aspetti **tal-ekosistemi**, kummerċjali, ekonomiċi u soċjali li jiddeterminaw l-immaniġġjar tas-sajd, peress li dawn l-aspetti kollha huma ta' importanza kruċjali;

Or. es

**Emenda 5**  
**Dorette Corbey**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jinnota li hemm konflitt ta' interess ċar bejn is-sajjieda u x-xjentisti fuq medda qasira ta' żmien, filwaqt li l-oġettivi tagħhom fuq medda twila ta' żmien **jidhru li huma** aktar kompatibbli;

*Emenda*

13. Jinnota li hemm konflitt ta' interess ċar bejn is-sajjieda u x-xjentisti fuq medda qasira ta' żmien, filwaqt li l-oġettivi tagħhom fuq medda twila ta' żmien **huma** aktar kompatibbli; **jikkunsidra li konsensus dwar l-istat tal-baħar għandu jkun il-bażi tal-politika tas-sajd li tkun immirata għas-sostenibiltà; jappella lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi koperazzjoni aħjar bejn is-sajjieda u x-xjentisti;**

**Emenda 6**  
**Rosa Miguélez Ramos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***22a. Jinnota bi tħassib li l-ammont totali li l-Istati Membri nefqu biex jiġbru d-dejta fis-settur tas-sajd naqas b'mod kostanti mill-2006;***